*-smiegħ bi proċedura sommarja*

*- Art 170 tal-Kap 12ċ*

QORTI CIVILI PRIM'AWLA

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-3 ta' Marzu 2020

Rikors Guramentat Nru 959/2019

Wasteserv Malta Limited (C 30560)

vs

Kosecp (Distribution & Business Services) Limited (C31477)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tad-9 t'Ottubru 2019 li permezz tiegħu is-socjeta' attriċi wara li ppremettiet li hija kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta fis-somma ta' €300,947.05, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut, konstenti fil-prezz ta' oġġetti riċiklabbli li l-konvenuta xtrat mingħandha, talbet lill-Qorti sabiex:

1.Tipprocedi għas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh ai

termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tar-attriċi fis-somma ta' €300,947.05 dovuti minnha ghall-provvista ta' prodotti riċiklabbli kkonsenjati lilha kif fuq spjegat;

3.Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-socjeta' attriċi s-somma ta' €300,947.05 bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.

4.Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-socjeta' attriċi s-somma hekk likwidata

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fatturi sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta` konvenuta, bl-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru b'numru 1274/2019;

Rat li fl-14 t'Ottubru 2019 appuntat il-każ għas-smiegħ għad-29 t'Ottubru 2019;

Rat li waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2019 is-soċjeta` konvenuta tat ruħha b'notifikata bir-rikors promotur;

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020 il-Qorti tat terminu sas-26 ta' Frar 2020 biex is-soċjeta` konvenuta tippreżenta nota ġuramentata li permezz tagħha tipprova li għandha difiża valida x'tagħti;

Rat li l-imsemmija nota ġiet ippreżentata fis-26 ta' Frar 2020;

Rat ir-rendikont dwar ħlasijiet bejn is-sena 2017 u 2019 ippreżentat mis-soċjeta` attriċi;

Rat l-affidavit ta' Ivan Borg, uffiċjal Kap Finanzjarju tas-soċjeta` attriċi;

Rat in-nota ġuramentata mis-soċjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżultalha li l-kreditu pretiż mis-soċjeta` attriċi huwa tabilħaqq ċert, likwidu u dovut;

Illi s-soċjeta` konvenuta ma rnexxilhiex iġġib prova li fil-fehma tal-Qorti hi biżżejjed biex turi li għandha eċċezzjonijiet *prima facie*, fil-liġi jew fil-fatt xi ġġib kontra l-mertu tal-azzjoni, u lanqas ma ressqet xort'oħra fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li huma biżżejjed biex jagħtuha l-jedd li topponi t-talba jew li tagħmel kontro-talba. Tassew li ppreżentat in-nota ġuramentata msemmija, iżda kif irriteniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re: **Dr. Mario Schembri v Joseph Carbonaro (**24.01.1997, Kollez. LXXXI.ii.204) "mhux għax il-konvenut sempliċement jallega li għandu eċċezzjoni valida allura l-Qorti hi obbligata li tagħtih il-fakolta` li jippreżentaha għaliex kieku kien hekk, l-azzjoni bil-proċediment sommarju speċjali, magħrufa bħala *bil-giljottina* faċilment tiġi stultifikata";

Illi għalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taqta' u tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12;

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tar-attriċi fis-somma ta' €300,947.05 dovuti minnha għall-provvista ta' prodotti riċiklabbli kkonsenjati lilha kif fuq spjegat;

3. Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attriċi s-somma ta' €300,947.05 bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.

4. Tilqa’ r-raba’ talba billi tordna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-socjeta' attriċi s-somma ta' €300,947.05.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fatturi sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta` konvenuta, bl-ispejjeż tal-mandat ta’ sekwestru b’numru 1274/2019.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA